# Intietef dwar il-Milied



**minn Joseph J. Camilleri B.A., A.I.S.(Lond.)M.A.**

Akkanit kbir tal-presepji kien Ġużeppi Fenech, magħruf bil-laqam "Tal-Ħobż" għax missieru kellu l-forn. Ma kienx jgħaddi Milied li ma kienx jagħmel presepju kbir għall-wiri. Darba hu u ħabibu Karmnu Buttigieg damu jum sħiħ jagħmlu presepju bil-gagazza (ġejja mill-Isqalli, u huwa faħam maħruq li jibbies). Meta fil-għaxija llestewh, għadda tank tal-militar, riegħed l-art u l-presepju sar borġ gagazza! Kellhom jerġgħu jagħmluh mill-ġdid. Meta fl-1955 ġie joqgħod il-Mosta minn Ħal-Lija ġab miegħu presepju mekkanizzat jaħdem bl-ilma. Kien jarmaħ fi Triq Ponsonby, u fi żmienu kien uniku u ma setax ma jkunx attrazzjoni.

Kienu moda presepji mekkanizzati. Jissemmew wieħed f'Ħal Qormi fl-1870 (A. Muscat Fenech), ieħor f'Ħal Qormi fl-1877 (Duminku Pace), u tnejn oħra f'Tas-Sliema. Għall-ħabta ta' l-1910 kienu jsiru presepji kbar fin-Naxxar, H'Attard, il-Floriana, il-Belt, Bormla u Tas-Sliema. Hemm referenza għall-barbier Saver Laferla, li miet fl-1761, li kien jagħmel presepji u pasturi tal-kartapesta. Oħra wkoll dwar xi presepji li kienu jsiru fir-Rabat fl-1617 u 1618.

## Reliġjuż u profan

Illum il-Milied Malti għandu l-aspett reliġjuż u l-ieħor profan. Il-Knisja Latina ssejjaħ din il-festa tad-dawl. Influwenzi barranin tawh bixra oħra. Għall-ħabta ta' l-1880 daħlet is-Siġra tal-Milied (l-aktar mis-Servizzi). Fl-1965, il-gvern beda jżejjen u jixgħel is-siġar fit-toroq fil-festi tal-Milied. Fl-1900 *circa*, fil-Kottonera kienu ġa bdew jintbagħtu l-Kartolini tal-Milied. L-ewwel kartolina ddisinjata u stampata kienet saret minn John Culcott Horsley (1917-1903). Għalhekk biex idaħħal l-ispirtu natalizju Dun Ġorġ Preca beda f'lejliet il-Milied joħroġ il-purċissjoni tal-Bambin fil-Ħamrun fl-1921 u għażel bħala motiv l-Innu tal-Ġiżwita Andrew Schembri - "Ninni la tibkix iżjed". Imbagħad daħlet fil-parroċċi kollha u f'Għawdex fl-1941. Influwenza oħra barranija hija l-*Father Christmas* jew Santa Klaws.

Fl-Ewropa għadd ta' pajjiżi kienu u għadhom jispeċjalizzaw fl-iskultura fl-injam. Għad li mhux speċifikament għall-presepju, jew bi ħsieb li xogħolhom hu marbut man-nattività, kienu joħolqu xogħol marbut mat-twelid ta' Ġesù, bħal Santa Marija, San Ġużepp, il-baqra u l-ħmara. Issibhom l-aħħar statwetti ta' l-injam fil-Ġermanja, l-Awstrija, l-Italja u Spanja. Illum insibu materjal ġdid, bħal irħam, skultura fl-injam, materjal inkollat, pitturi famużi fuq l-injam anke fl-Isvizzera.

## Il-pasturi

Il-karatteristika tal-presepju Malti kienu l-pasturi tat-tafal. Qabel, kienu qishom bħalhom, jiġu minn Sqallija. Fil-bidu kienu jsiru wieħed wieħed bl-idejn u kienu sbieħ fi kruħithom! Meta kibret id-domanda, bdew isiru bil-forom tal-ġibs - maqsuma fi tnejn - quddiem u wara. Jitnixxfu fix-xemx (mhux dirett) u meta jinxfu, jinżebgħu. L-ewwel il-laħam, imbagħad l-attrezzaturi l-oħra, per eżempju: il-kappell, il-ħorġa, il-ħwejjeġ, eċċ.

L-aktar naħat magħrufin għall-pasturi tat-tafal kienet il-Kottonera. Meta mal-gwerra l-produzzjoni waqfet, bdew jiġu mportati mill-Italja (*circa* 1950). Kienu fuq stil Naplitan (*Capodimonte*), ħfief, b'saħħithom u rħas.

Il-Bambin kien isir tax-xema biex jidher sabiħ u jleqq. In-nagħag mix-xema bajda. Il-pasturi Maltin saru popolari, barra mid-dilettanti, mit-tfal ukoll. L-aktar meta bdew isiru l-pasturi bħal l-għaġeb, ir-rieqed, il-bidwi, il-furnar, ix-xrek (l-għannej), it-taħħan, il-kaċċatur, eċċ.

Interessanti li fil-presepju - għat-tfal "il-grotta" - kien hemm żewġ tipi ta' pasture. Dawk b'ilbies bibliku, bħal Marija, Ġużeppi, il-Maġi u dawk b'ilbies Malti qadim, bħaċ-ċulqana għar-ras, it-terħa, il-milsa, il-kabozza, il-beritta, is-sidrija, il-ħorġa, il-qorq, eċċ. Iddaħħlu l-kenur, sturmenti qodma tad-daqq, bħaż-żufżafa, iż-żaqq, il-kitarra, it-tambur, ir-rambaba u l-konċertina. Il-presepju kien jiżżejjen bil-ġulbiena (bl-ingliż *vetch*), bix-xgħir, bl-iskalora jew bil-qamħ, li kien jinżera fit-8 ta' Diċembru.

## Drawwiet

Kienet drawwa li ħafna joħorġu fit-toroq idoqqu ż-żaqq (biex jimitaw ir-rgħajja ta' Betlem). Kienu anke jidħlu fil-knisja (l-aktar f'Għawdex). F'lejliet il-Milied kienet drawwa li fil-għaxija joħorġu jdoqqu l-kitarri u l-mandolini, jiltaqgħu għand il-ħbieb jieklu flimkien il-qagħaq ta' l-għasel (li jissimbolizzaw żmien il-Milied). Ikel ieħor kien ikun l-isfineġ (ftira moqlija fiż-żejt ratba u minfuħa tittiekel imħawwra bil-għasel jew bl-imluħa), l-imqaret, l-ixkumvat (ħelu/għaġina rqiqa mmaljata u midluka bil-għasel). Drawwa oħra kienet li jilagħbu bil-ġellewż.

It-tfal li kienu jaqilgħu xi rigal jew isibu xi ħaġa taħt l-imħadda, kienu jemmnu li ġabulhom tassew il-Bambin għax qagħdu tfal tajba. Imsieken min ma kien jaqla' xejn, għax ...

Drawwa oħra kienet li fil-għodu nhar il-Milied ħafna kienu jmorru l-Palazz ibusu id il-Granmastru u jixtiequlu l-għid it-tajjeb. Il-Granmastru kien jagħti ikla lill-membri tal-Kunsill tiegħu. Ikla oħra l-għada fil-magħluq li fiha kien ikun hemm tbaħrid u għors. L-għada l-Granmastru kien imur jagħti l-awgurju lis-sorijiet ta' Santa Katerina u ta' Santa Marija Maddalena. Id-drawwiet, bħal priedka tat-tifel li tissemma' fl-1884, kienu wkoll ta' natura folkloristika jew ta' superstizzjoni.

## Frażijiet

L-ilsien Malti kellu għadd ta' frażijiet dwar il-Milied. Per eżempju: min ma jsumx f'lejliet il-Milied imut bħal klieb; sal-Milied la bard w'anqas ksieħ.

L-irwiegel kienu marbutin mal-Milied. Il-jiem bejn it-13 u l-24 ta' Diċembru kienu jiġu mgħassa għax it-temp li jagħmel f'dawk il-jiem ikun jaqbel mal-jiem tat-12-il xahar ta' wara - speċi ta' metereoloġiju. Għalhekk il-qawl: Diċembru jidħol fis-sala membru, jiġifieri jieħu sehem fit-tmexxija tas-sena.

Frażijiet oħra kienu: *Meta l-Milied taħt il-bejt, il-Għid fuq il-bejt; meta l-Milied fuq il-bejt, il-Għid taħt il-bejt.* Jiġifieri meta fil-Milied ikun maltemp, il-Għid ta' wara jagħmel bnazzi u tista' toħroġ fuq il-bejt. Bil-maqlub, jekk il-Milied ikun bnazzi, fil-Għid tagħmel ix-xita.

Jew inkella: *Meta l-Milied ikun bil-kappell u l-Għid bil-mantar, l-uċuħ tar-raba jkun iprem u n-nies tiekol tajjeb u l-bhejjem tixtarr aħjar.* Jiġifieri meta l-Milied ikun bnazzi u l-Għid bix-xita, il-biedja tmur aħjar u l-bhejjem isibu aktar x'jieklu.

## Pellegrinaġġi

Fl-imgħoddi għad li kien hemm il-problema tat-trasport, il-pellegrinaġġi kienu popolari ħafna, l-aktar għall-Art Imqaddsa, f'Compostella fi Spanja, f'Canterbury l-Ingilterra, f'Ruma l-Italja u f'Kolonja fil-Ġermanja, fejn jingħad li hemm midfunin it-tliet slaten Maġi, li Sant'Elena ħadet ġisimhom minn Kostantinopli.

Programm ta' pellegrinaġġ li sar fl-1395 organizzat għall-Kajr u Ġerusalemm jixbaħ xejn anqas minn *tour* modern. Ħa mis-16 ta' Lulju u fit-13 t'Ottubru kienu għadhom kif telqu għal Kajr. U għamlu jum Betlem, fejn il-knisja tan-Natività tieħu prijorità. Jingħad li nbniet fuq l-istalla, fis-sena 325. Ġiet meqruda sentejn wara, u mibnija mill-ġdid xi 13-il sena wara. U wkoll fis-sena 527.

Il-pellegrinaġġ kien reklamat hekk li wieħed ma jistax ma jinteressax ruħu bid-dettalji. Per eżempju: f'Ġerusalemm żaru l-iskola fejn marret Santa Marija, id-dar ta' Pilatu, fejn ġie minxur il-ħaruf ta' l-aħħar ċena u fejn l-ilma li Kristu ħasel riġlejn l-Appostli ġie msaħħan, il-ġebla li għalqet il-qabar ta' Kristu, il-ġebla li fuqha qagħad bil-qegħda meta kien jippriedka. Raw ukoll fejn kien iqaddes San Ġwann il-Battista, u t-toqba fejn twaħħal is-Salib mal-blata li tferrqet meta waqa' fuqha d-demm ta' Kristu, eċċ.

## Superstizzjonijiet

Bħas-soltu, is-superstizzjoni tax-xjuħ tagħna messet ukoll il-Milied. Baqgħu sa tmiem is-seklu dsatax jemmnu li miskina hi dik it-tarbija li titwieled fl-24 ta' Diċembru! Il-Mulej ma riedx li l-bniedem ikollu wlied fl-istess jum li twieled Ġesù. Min jitwieled kellu jiġi kkastigat! Meta jkunu reqdin dawn darba fis-sena jsiru spirtu (gawgaw). Jagħmlu lejl sħiħ iwerżqu u jibku biex ibeżżgħu lin-nies. Mas-sebħ imorru lura d-dar għajjenin, u jerġgħu jieħdu ġisimhom. Biex jeħilsu minn din il-bidla kellhom joqogħdu lejl sħiħ jgħoddu t-toqob ta' passatur mill-ħdax ta' bil-lejl sa l-għada jum il-Milied. L-Isqallin kellhom xi ħaġa tixbaħ lil dan ukoll - jagħtih tal-qamar - jaħrab mid-dar u jagħmel lejl sħiħ jiġġerra, jgħajjat u jaħbat għal dak li jkun.

## Is-siġra tal-Milied u l-presepju

Is-siġra tal-Milied bdiet issir tant popolari, illi bdiet kull ma jmur, tieħu fid-djar il-post ta' Ġesù fil-maxtura, f'kelma waħda tmewwet it-tradizzjoni. Il-Papa fl-1953 ħass il-bżonn li jħajjar biex jitwaqqfu movimenti jew soċjetajiet biex jerġgħu jagħtu ħajja lill-presepju, jew il-figura ta' Ġesù fil-maxtura, u jagħmluhom popolari bħal qabel.

Il-messaġġ tal-Papa biex terġa' jingħata l-ħajja lill-presepju jew/u l-Bambin fil-maxtura bdew jieħduh għadd żgħir ta' gruppi. Wieħed minn dawn sejjaħ lilu nnifsu 'Il-Ħbieb tal-Presepju'. L-għaqda kibret u bdiet issejjaħ lilha nnifisha 'Federazzjoni Universali tal-Presepji'. Inagħqdu magħha pajjiżi oħra u l-presepju kull ma jmur beda jsir aktar popolari.

Nibtu għaqdiet oħra bħal il-*Krippenfreund* fil-Ġermanja u l-Awstrija, il-*Pesebristas* fi Spanja u l-*Amis de la Creche* fi Franza. Fl-1985 l-Ingliżi waqqfu l-*Anglo Celtic Society of Nativitists* li ġiet imbierka mill-Papa dik is-sena. Issieħbu magħha gruppi li jitkellmu bl-Ingliż mill-Amerika, Awstralja, *New Zealand* u naturalment mill-Afrika, bħal Zimbabwe.

Uħud minn dawn l-għaqdiet marru lura, hemm min ma baqax jiffunzjona, min wera apatija, min għadu jiffjorixxi, jorganizza mawriet ma' naħat marbutin man-natività. Min ibiegħ maxturi, presepji tradizzjonali, min iħajjar biex jixtru, isiru kollezzjonijiet. Sa għandhom il-websajts tagħhom tant li jidhru li l-għaqdiet ġew ikkummerċjalizzati. Il-websajts juruk

naħat fid-dinja li għandhom x'juru f'konnessjoni mal-Milied. Iħajjruk ukoll issir kollezzjonista ta' presepji folkloristiċi ta' pajjiiżi differenti. Lesti wkoll biex jagħtu informazzjoni u jwieġbu mistoqsijiet konnessi man-nativitá. U f'Malta? Il-fervur għall-presepji ma jidhirx li batta.

Fl-Ewropa għadd ta' pajjiżi kienu u għadhom jispeċjalizzaw fl-iskultura fl-injam. Għad li mhux speċifikament għall-presepju, jew bi ħsieb li xogħolhom hu marbut man-nativitá, kienu joħolqu xogħol marbut mat-twelid ta' Ġesù, bħal Santa Marija, San Ġużepp, il-baqra u l-ħmara. Issibhom l-aħħar statwetti ta' l-injam fil-Ġermanja, l-Awstrija, l-Italja u Spanja. Illum insibu materjal ġdid, bħal irħam, skultura fl-injam, materjal inkollat, pitturi famużi fuq l-injam anke fl-Isvizzera.

## Aktar stejjer

Jingħad li t-tradizzjoni tal-presepju ġiet introdotta fis-seklu tnax u tlettax minn San Franġisk f'Assisi fl-1223. Meta fil-Quddiesa tal-Milied fi Greccio għamel presepju ħaj. Bdew jikkuppjawh ħafna knejjes, imbagħad fid-djar tas-sinjuri. L-eżempju ħaduh pajjjiżi oħra, l-aktar fil-Ġermanja, Spanja, l-Awstrija u l-Polonja.

Jeżistu stejjer dwar in-Nativitá minbarra dawk li nsibu fil-Vanġelu ta' San Mattew u San Luqa. Dawn isemmu t-twelid f'Betlem, li Marija kellha l-ewwel Iben tagħha u li r-rgħajja sabu tarbija fil-maxtura. Fil-Vanġelu ta' San Mark u San Ġwann ma tissemmiex. Jeżistu stejjer oħra li jitqiesu dubbjużi - riżultat tal-mod kif il-ġrajja ġiet irrakkontata matul is-sekli, miżjuda u mirquma. Il-Knisja ta' lvant li aċċettathom għamlithom parti mil-liturġija mibnija fuq it-tradizzjoni biblika - l-eqdem sors il-protovanġelu ta' San Ġakbu. Fil-punent ġew ibbażati fi trattament leġġendarju fuq dak li tqies li seħħ tassew, skond ukoll il-kotba Apokriti. Tipika l-priedka fuq in-Nativitá ta' Luteru - imsaħħa u vitalizzata bl-immaġinazzjoni grafika.

Qabel ġejt hawn, kelli xewqa kieku nerġa' nisma dik il-ġmiel tal-Pastorale tal-Milied, ta' Emmanuel Galea, li meta konna żgħar konna tant nitgħaxxqu nisimgħuha waqt in-novena mill-organista tar-Rotunda, Ġeraldu Magri. Anzi hu kien idoqqha bil-qniepen, allavolja mhux suppost kien jużahom minħabba xi ħsara fl-orgni! Imma bi pjaċir ngħid li x'ħin rajt il-programm tal-lejla, sibt li ser jispiċċa biha. Prosit!

Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru 2005, waqt serata mtellgħa mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-wirja ta' presepju kbir statiku u ieħor oriġinali maħduma mis-sur Raymond Deguara.


# A w g u r i

**Is-Sur Charles J. Vassallo U.O.M.,**
**Konslu Ġenerali Onorarju**
**ta' San Francisco, California u Nevada**
**u s-Sinjura Emma Vassallo,**
**jawguraw lill-Mostin kollha u l-emigranti**
**li qegħdin fostna għall-btala tas-sajf –**
**il-Festa t-Tajba.**